MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1487/2004

**GasanMamo Insurance Limited hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha David Grech sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess David Grech**

**Vs**

**Guiseppe Borg**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Lulju 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm227.85 (mitejn u sebgha u ghoxrin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu) rapprezentanti danni sofferti f'incident awtomobilistiku.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
L-atturi jitolbu lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi is-somma ta' mitejn u sebgha u ghoxrin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu

(Lm227.85) rapprezentanti danni kkagunati f'incident awtomobilistiku tas-26 ta' Gunju 2003, fi Triq MA Vassalli, Msida, bejn il-vettura bin-numru AAL 992 misjuqa minn u propjeta` ta' l-assikurat tas-socjeta` attrici, David Grech, liema vettura kienet assikurata taht il-polza 'comprehensive' mas-socjeta` attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Interpellat sabiex ihallas permezz ta' ittra ufficjali datata 17 ta' Mejju 2004, il-konvenut baqa` inadempjenti.

L-ammont mitlub jinkludi hamsa u ghoxrin lira (Lm25) 'excess' imhallsa mill-assikurat tas-socjeta` attrici, David Grech, li kien assikurat that il-polza 'comprehensive' mas-socjeta` attrici.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Mejju 2004 u ta' ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma` dan l-avviz, u bl-imghax pagabbli mis-17 ta' Mejju 2004, sal-gurnata tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
Illi t-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt, peress li l-kollizjoni in kwistjoni ma gratx minhabba negligenza u traskuragni da parte tal-konvenut kif allegat fit-talba.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Fil-waqt li l-attur jaghti spjegazzjoni cara ta' dak li gara, il-konvenut jiftakar biss li sema` hoss fuq quddiem, L-attur xehed li ra lil konvenut jigbed fuq in-naha tieghu meta gie biex idur u jerga jigbed il-barra meta habtu. Id-diskors ta' esistenza ta' gebel u/jew paroli fuqhu, kif rakkontat mill-konjugi Grech gie michud mill-konvenut.

Illi kif stqarr l-istess konvenut, it-triq fejn saret il-habta hija t-triq tieghu ta' kuljum, allura wiehed jidra u jrabbi certu konfidenza u tant ikun draha li jista` ikun li l-manuvra/sewqan tittiehed "for granted". Aktar minn hekk, l-attur mill-ewwel "a tempo vergine" mal-Pulizija allega li l-konvneut qasam il-karreggjata. Ma jirrizultax lit-Tribunal li l-konjugi Grech ivvintaw il-kliem tal-konvneut li kellu johrog il-barra u jinvadi t-triq taghhom minhabba il-gebel, ghalkemm la huma wisq anqas il-Pulizija ma sabuhom! L-oneru tal-atturi huwa li jippruvaw il-kaz taghhom fuq bilanc ta' probabilita` u jirrizulta lit-Tribunal li dan l-oneru gie ezegwit.

Il-quantum tad-danni ma giex kontestat u qed jigi akkordat.

Jiddeciedi billi jichad l-eccezjoni tal-konvenut, jilqa` t-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' Lm227.85 lil attur in linea ta' danni, bl-ispejjes u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------